ŻEBBUĠ

<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 32/14
***Kienet addottata Aġenda nru. 26/2014***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 17 ta' Gunju 2014**

**Ħin: Fis-5.45 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjorina Daphne Caruana – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 31/14

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 31/2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Korrispondenza - dwar l-ittra ta' Salvu Camilleri fir-rigward tal-għawm tal-klieb fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer, il-Kunsillier Camilleri qal hu wkoll kien ressaq talba f' dan is-sens. Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 31/14

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Memo 17/2014 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *streaming* tal-laqgħat *online* u skema ta' għajnuna finanzjarja għas-servizz tal-internet. Il-Kunsill qabel li japplika għall-finanzjament biex ikollu *internet speed* li jkun jista' jittrasmetti l-laqgħat fuq l-internet.

Memo 15/2014 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Posta elettronika tal-membri tal-Kunsill Lokali'.

Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta` ta' librerija lokali. Il-Kunsill qabel li jalloka €600 għax-xiri tal-kotba għall-librerija.

Korrispondenza mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żviluipp dwar il-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar.

Ittra ta' Dun Ġużepp Vella dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb "Il-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żebbuġ, Għawdex". Il-Kunsill approva x-xiri ta' għaxar kopji ta' dan il-ktieb.

**Applikazzjonijiet**
**għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| (i) WOW Gozo<br>Għal kiri ta' apparat tal-baħar<br>mill-Bajja tax-Xwejni / il-Qbajjar<br>sajf 2014. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet.<br>Mill-Bajja tal-Qbajjar<br>(*site proposal* 1). |
| (ii) Gozo Jeep Tours<br>Għal ċerimonja ta' żwieġ<br>nhar l-14 ta' Lulju 2014<br>fl-inħawi ta' Taħt il-Qolla, ix-Xwejni. | Approvata. |

Il-Kunsill qabel li jorganizza lezzjonijiet taż-żfin għat-tfal tal-lokal fil-*youth spot*.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 32/2014 – Raphael Refalo**
Isir traqqiegħ tal-i*slipway* tal-Bajja tax-Xwejni (is-*slipway* tan-naħa tal-Qolla). Xogħol ta' traqqiegħ approvat mill-Kunsill.

**Nru. 33/2014 – il-Kunsillier Joe Camilleri**
Titwaħħal plakka kommemorattiva f' għeluq il-mitt sena mill-qtil tal-kuntistabbli Santu Cassar. Is-Sindku qal għandu jiltaqa' mal-Assistent Kummissarju Ray Zammit dwar il-proposta.

**Nru. 34/2014 – Toni Vella**
Isir ilqugħ filata *bricks* f' rampa li tagħti għal Ras ir-Reqqa. Talba approvata – xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Nru. 35/2014 – il-Kunsillier Joe Camilleri**
Isiru *double yellow lines* quddiem 62C, Triq il-Knisja. Il-Kunsill ftiehem li jiżbogħ is-sinjali Dragon's Teeth kif approvata minn Transport Malta u jsir sinjal Stop fi Triq Ġoma kantuniera ma Triq il-Knisja.

**Nru. 37/2014 – Tania Zammit**
Talbet biex tinbidel il-bankina tal-garaxx ta' mar-residenza 'Żiffa', Triq is-Sagħtrija. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 38/2014 – il-Viċi Sindku Mario Cassar**
Jerġa' jkun diskuss l-interess tal-Kunsill Lokali fid-devoluzzjoni tat-Torri tal-Batterija.

**Nru. 39/2014 – Robert Nash**
Issuġġerixxa li jitpoġġew *bins* għall-ħmieġ tal-klieb fi Triq Dun Franġisk Stivala.

**Nru. 40/2014 – is-Sindku Nicky Saliba**
Ressaq dawn it-talbiet:

- jinbidlu l-bankini ta' mar-residenza nru. 61, Triq Skapuċċina u 38 u 23, Triq Għajn Mhelhel.
- isiru sitt toqbiet għal palandri tal-festa fi Pjazza l-Assunta.
- traqqiegħ bis-siment sqaq fi Triq Għajn Mhelhel.
- pubblikazzjoni tar-rivista tal-Kunsill.

Talbiet approvata mill-Kunsill.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 24/2014 – DOK A għall-perijodu bejn l-10 ta' Mejju 2014 u t-13 ta' Ġunju 2014 kienet approvata.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

**KISI MILL-ĠDID TA' PARTI MINN TRIQ TA' ĦABEL IT-TWIL BIL-KONKOS**

Il-Kunsill qabel li l-bord ta' aġġudikazzjoni jkun magħmul minn Paul Zahra, Av. Damian Bigeni u Eddie Cefai.

**SERVIZZI TA' PERIT**

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienu ntefgħu żewġ offerti għall-kuntratt għal servizzi ta' Perit. Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet l-offerti mitfugħa peress li fil-ħin tal-egħluq ħadd mill-Kunsillieri ma kien preżenti u allura hi kienet issiġġillathom.

L-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | |
|---|---|
| Perit Alexander Bigeni | 2.89% |
| Perit Edward Scerri | 2.6% |

Il-Kunsill għażel l-offerta tal-Perit Scerri li kienet l-irħas waħda.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva t-tindif mill-ħaxix ta' Triq Wied l-Infern (stima tax-xogħol €500; Richard Axiaq).

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva